MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 320/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rose Caruana**
**Natalino Caruana**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rose Caruana ta’ 44 sena bint Carmelo Abela u Maria nee’ Micallef imwieled Pieta` fil-25 ta’ Gunju, 1963, detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 389763M u kontra Natalino Caruana ta’ 48 sena bin Alfred u Maria nee’ Farrugia imwieled il-Pieta’ fis-17 ta’ Settembru, 1959, detentur tal-karta tal-identita` 616059M talli fid-29 ta’ Jannar, 2008 u fix-xhur ta’ qabel din id-data holqu inkonvenjent b’riha u hmieg ta’ hamiem li qeghdin fil-pussess taghhom u li bl-istess inkonvenjent qed joholqu

periklu ghas-sahha skond ma ccertifika Dr Brian Farrugia MD;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta’ Ottubru, 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Rose Caruana u Natalino Caruana hatja skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghhom u wara li ghamlet referenza ghall-artikolu 125(2) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ikkundannat lill-istess konjugi Caruana ghall-hlas ta’ 46.59 ewro ossia’ ghoxrin lira Maltin kull wiehed bhala ammenda, kif ukoll wara li rat l-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali ordnat lill-istess konjugi Caruana sabiex inehhu l-inkonvenjent hawn fuq rizultanti sa zmien xahar mid-data ta’ dik is-sentenza taht penali ta’ 11.65 ewro ossia’ hames liri Maltin kuljum f’kaz ta’ nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-konjugi Caruana, minnhom ipprezentat fl-10 ta’ Novembru, 2008, li permezz tieghu huma talbu r-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi ta’ l-20 ta’ Marzu, 2009 u tal-lum;

Innutat li fl-udjenza ta’ l-20 ta’ Marzu, 2009 Dr Toni Abela ghall-appellanti bla pregudizzju u minghajr ebda ammissjoni ta’ ebda responsabilta`, zamm biss ferm l-aggravju dwar li s-sentenza nghatat fuq artikolu inezistenti tal-ligi u l-aggravju dwar il-piena, u ghalhekk irtira l-aggravji l-ohra;

Rat ukoll li f’dik l-udjenza l-Qorti ordnat li sa l-udjenza li jmiss, cioe` sal-udjenza tal-lum, il-prosekuzzjoni kellha tindika d-dispozizzjoni tal-ligi li skond hi tipprovdi ghar-reat kif ipottizat fic-citazzjoni mahruga fi Frar ta’ l-2008 fil-konfront tal-appellanti konjugi Caruana;

Innutat li fl-udjenza tal-lum il-prosekuzzjoni indikat is-segwenti dispozizzjonijiet tal-ligi u cioe’ l-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 339, sub-artikolu (1)

paragrafu (n) tal-Kodici Kriminali, l-Artiklu 340 paragrafu (d) tal-Kodici Kriminali, u r-Regolament 4 ta' l-Avviz Legali 344/2005 abbinat ma' dak li jinghad fil-partita (d) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-imsemmija regolamenti;

Il-Qorti tosserva pero` li ebda wahda minn dawn id-dispozizzjonijiet ma tipotizza r-reat kontemplat fl-imputazzjoni, u per di piu` l-artikolu tal-ligi li kkwotat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha u cioe` l-Artikolu 125(2) tal-Kap 10 effettivament gie abbrogat bl-artikolu 50 ta' l-Att XXV tal-2001;

Isegwi ghalhekk illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa nfondat fis-sens li l-ewwel qorti sabet lill-istess appellanti hatja skond id-dispozizzjoni ta' ligi li ma kienitx aktar tezisti u, per di piu`, ma giet indikata ebda dispozizzjoni li tikkontempla r-reat kif espressament ipotizzat fl-imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------